



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7894/24

ETS 2
MI 320
COMPET 335
DELECT 86
EDUC 92

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Marzu 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2024) 1357 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI ta' 5.3.2024 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-provi ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2024) 1357 final.

Mehmuż: C(2024) 1357 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.3.2024
C(2024) 1357 final

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI

ta' 5.3.2024

li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-provi ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Din id-Deċiżjoni Delegata temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali¹, kif emendata bid-Direttiva 2013/55/UE (id-Direttiva 2005/36/KE), li telenka l-provi tal-kwalifiki soġġetti għal rikonoxximent transfruntier awtomatiku.

Skont id-Direttiva 2005/36/KE, il-professjonijiet li ġejjin jistgħu jikkwalifikaw għal rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifika tagħhom fi Stat Membru ieħor, taħt ċerti kundizzjonijiet, għall-fini ta' aċċess għal professjoni regolata u tal-prattika tagħha: perit, tabib u għadd ta' speċjalizzazzjonijiet mediċi, dentist u għadd ta' speċjalizzazzjonijiet dentali, qabla, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, spiżjar u kirurgu veterinarju.

Waħda mill-prekundizzjonijiet għal dak ir-rikonoxximent awtomatiku hi li l-kwalifika tissodisfa r-rekwiżiti minimi tat-taħriġ stipulati fil-Kapitolu III, it-Titolu III ta' dik id-Direttiva.

L-Artikolu 21a(1) tad-Direttiva 2005/36/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jadottaw għall-ħruġ ta' provi ta' kwalifiki formali fil-professjonijiet koperti mill-Kapitolu III, it-Titolu III ta' dik id-Direttiva. F'konformità mal-Artikolu 21a(3) ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri jridu jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) għal dan il-fini. Il-Kummissjoni mbagħad tevalwa dawn is-sottomissjonijiet skont ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fid-Direttiva.

Sabiex jitqiesu kif xieraq l-iżviluppi leġiżlattivi u amministrattivi fl-Istati Membri, l-Artikolu 21a(4) tad-Direttiva 2005/36/KE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex taġġorna l-punti rilevanti tal-Anness V.

S'issa, ġew adottati sitt deċiżjonijiet delegati² skont l-Artikolu 21a(4) ta' dik id-Direttiva.

L-emendi ewlenin proposti għall-Anness V jirriflettu l-iżviluppi leġiżlattivi u amministrattivi fl-Istati Membri għall-ħruġ ta' provi ta' kwalifiki formali fil-professjonijiet koperti mill-Kapitolu III, it-Titolu III, li l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni, u fejn il-Kummissjoni kkonfermat li dawn jilhqnu r-rekwiżiti tat-taħriġ minimi armonizzati miftiehma. Għall-periti tapplika proċedura differenti, f'konformità mal-Artikolu 21a(1), is-subparagrafu 2 tad-Direttiva. Għal din il-professjoni, l-Istati Membri jiġu kkonsultati permezz ta' IMI dwar jekk it-titoli jew il-programmi ġodda għandhomx jiġu inklużi fl-Anness V. Din il-konsultazzjoni seħħet għal notifikati li jikkonċernaw il-professjoni ta' perit inklużi f'din id-Deċiżjoni Delegata.

Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni Delegata tikkonsolida t-titoli professjonali qodma, ġodda u emendati kollha li kienu nnotifikati sat-30 ta' Ġunju 2023.

¹ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

² Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2016/790 tat-13 ta' Jannar 2016 (ĠU L 134, 24.5.2016, p. 135), id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2113 tal-11 ta' Settembru 2017 (ĠU L 317, 1.12.2017, p. 119), id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/608 tas-16 ta' Jannar 2019 (ĠU L 104, 15.4.2019, p. 1), id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/548 tat-23 ta' Jannar 2020 (ĠU L 131/1, 24.4.2020, p. 1), id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/2183 tal-25 ta' Awwissu 2021 (ĠU L 444, 10.12.2021, p. 16) u d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2023/2383 tat-23 ta' Mejju 2023 (ĠU L, 2023/2383, 09.10.2023).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritajiet tal-Istat Membru dwar dawn l-emendi tal-Anness V permezz tal-grupp ta' esperti rilevanti ("Grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali"³). B'riżultat ta' din il-konsultazzjoni, saru l-bidliet addizzjonali li ġejjin fl-abbozz ta' deċiżjoni delegata:

Għall-ispeċjalizzazzjoni medika tal-mediċina sportiva li għadha kif ġiet miżjuda fl-Anness V, il-punt 5.1.3, it-titoli ġew emendati kif ġej: "Mediċina rada i športa" għall-Kroazja, "Sporto mediċina" għal-Litwanja, u "Mediċina tal-Isport u l-Eżerċizzju" għal Malta.

Għall-ispeċjalizzazzjoni medika tal-psikjatrija tat-tfal, it-titolu ġie emendat kif ġej għal Spanja fl-Anness V, il-punt 5.1.3: "Psiquiatria Infantil y de la Adolescencia".

Fir-rigward tal-provi ta' kwalifiki formali tal-ortodontija għall-Finlandja fl-Anness V, il-punt 5.3.3, il-kliem "hampaiston oikomishoito" ġie miżjud ma' "Erikoishammasläkäriskoulutus/Specialisttandläkarutbildning, tandreglering".

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Din id-Deċiżjoni Delegata hija bbażata fuq l-Artikolu 21a(4) tad-Direttiva 2005/36/KE. Dak l-Artikolu jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 57c ta' dik id-Direttiva biex temenda l-punti 5.1.1 sa 5.1.4, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2, 5.6.2 u 5.7.1 tal-Anness V. Dawn il-punti jikkonċernaw l-aġġornar tat-titoli adottati mill-Istati Membri għall-provi ta' kwalifiki formali u, fejn xieraq, tal-korp li joħroġ il-provi ta' kwalifiki formali, taċ-ċertifikat li jakkumpanjahom u tat-titolu professjonali korrispondenti.

³ Kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/172/KE tad-19 ta' Marzu 2007 għall-ħolqien ta' grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 79, 20.3.2007, p. 38).

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI

ta' 5.3.2024

li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-provi ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonnoxximent ta' kwalifiki professjonali¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 21a(4) u l-Artikolu 26 tagħha,

Billi:

- (1) L-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE fih listi tal-provi ta' kwalifiki formali tat-tobba, tat-tobba speċjalisti, tal-infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, tad-dentisti, tad-dentisti speċjalisti, tal-kirurgi veterinarji, tal-qwiebel, tal-ispiżjara u tal-periti.
- (2) L-Artikolu 21a(1) ta' dik id-Direttiva jeżiġi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja u amministrattiva li l-Istati Membri jadottaw għall-ħruġ tal-provi ta' kwalifiki formali li jgawdu minn rikonnoxximent awtomatiku. Imbagħad il-Kummissjoni tevalwa dawk is-sottomissjonijiet u tqabbilhom mal-istandards minimi tat-taħriġ.
- (3) Il-Kummissjoni vvalutat in-notifiki mill-Istati Membri u kkonkludiet li d-dispożizzjonijiet emendati nnotifikati mill-Istati Membri jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 24, 25, 28, 31, 34, 35, 38, 40, 41, 44 u 46 tad-Direttiva 2005/36/KE. L-eżitu tal-valutazzjoni ta' dawk in-notifiki huwa rifless f'din id-Deċiżjoni, fl-emendi tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2005/36/KE, din id-Deċiżjoni tintroduċi l-mediċina sportiva bħala kategorija ġdida ta' taħriġ mediku speċjalizzat skont l-Anness V, il-punt 5.1.3 ta' dik id-Direttiva. It-titoli fil-mediċina sportiva għal 11-il Stat Membru huma inklużi f'dik il-kategorija l-ġdida. Dawk il-kwalifiki jissodisfaw ir-rekwiżiti għat-taħriġ mediku speċjalizzat stabbiliti fl-Artikolu 25 u jikkondividu tul minimu ta' taħriġ ta' 4 snin.
- (5) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2023/2383² introduċi għal Franza, fl-Anness V, il-punt 5.1.3 tad-Direttiva 2005/36/KE, it-titolu "Chirurgie orale" taħt l-ispeċjalizzazzjoni medika ta' "Kirurġija dentali, orali u maksillofaċċali (taħriġ mediku u dentali bażiku)". Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/548 introduċi għal Franza, fl-Anness V, il-punt 5.1.1 tad-Direttiva 2005/36/KE, il-provi ta' kwalifiki

¹ ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2005/36/oj>.

² Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2023/2383 tat-23 ta' Mejju 2023 li temenda u tikkoreġi d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prova ta' kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ (ĠU L, 2023/2383, 09.10.2023, p. 1.)

formali “Diplôme de formation approfondie en sciences médicales” u ċ-ċertifikat li jakkumpanja l-kwalifiki “Certificat de compétence clinique”. Fl-Anness V, il-punt 5.3.2 tad-Direttiva 2005/36/KE, l-istess Deċiżjoni Delegata inkludiet il-provi tal-kwalifiki formali bażiċi tad-dentisti d-“Diplôme de formation approfondie en sciences odontologiques” u bħala ċertifikat li jakkumpanja l-provi tal-kwalifiki “Certificat de synthèse clinique et thérapeutique”. Dawn it-titoli, il-provi tal-kwalifiki formali u ċ-ċertifikati li jakkumpanjaw il-kwalifiki ma kellhomx jiżdiedu fid-Direttiva 2005/36/KE. Għalhekk, għandhom jitneħħew mill-Anness V, il-punti 5.1.1, 5.1.3 u 5.3.2 tad-Direttiva 2005/36/KE.

- (6) Fil-passat, il-Latvja nnotifikat it-titolu “Mutes, sejas un žokļu ķirurģija” taħt l-ispeċjalizzazzjoni medika “ķirurģija maksillofaččali (tahrīg mediku bażiku)” fl-Anness V, il-punt 5.1.3 tad-Direttiva 2005/36/KE. F’notifika ġdida, il-Latvja indikat li dan it-titolu għandu jitneħħa minn dik il-parti tal-punt 5.1.3 u minflok jiżdied mal-ispeċjalizzazzjoni medika “Ķirurģija dentali, orali u maksillofaččali (tahrīg mediku u dentali bażiku)”. Għalhekk, jenħtieġ li t-titolu “Mutes, sejas un žokļu ķirurģija” jiġi ttrasferit taħt l-ispeċjalizzazzjoni medika “Ķirurģija dentali, orali u maksillofaččali (tahrīg mediku u dentali bażiku)” fl-Anness V, il-punt 5.1.3 tad-Direttiva 2005/36/KE.
- (7) Għalhekk, l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE jenħtieġ li jiġi aġġornat. Għal raġunijiet ta’ ċarezza u ta’ ċertezza legali, il-punti rilevanti kollha tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE dwar il-provi ta’ kwalifiki formali u t-titoli tal-korsijiet tat-taħriġ jenħtieġ li jiġu sostitwiti.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi emendata kif xieraq,

ADOPTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE huwa emendat f’konformità mal-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 5.3.2024

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni